



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.3.2014
COM(2014) 184 final

2014/0102 (NLE)

Proposta għal

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-
Portugall**

MT

MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fuq talba tal-Portugall, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Portugall fis-17 ta' Mejju 2011 (Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE) bħala sostenn għal programm ta' riforma ekonomika ambizzjuż bil-ġhan li terġa' tinkiseb il-fiduċja, li jiġi faċilitat ir-ritorn tal-ekonomija lejn tkabbir sostenibbli u li tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fil-Portugall, fiż-żona tal-euro u fl-UE.

F'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), wettqet il-ħdax-il rieżami biex tivvaluta l-progress dwar l-implementazzjoni tal-miżuri mifthiema kif ukoll dwar l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom.

Filwaqt li qieset l-informazzjoni li waslet sadanittant, permezz tal-proposta [daħħal ir-referenza], il-Kummissjoni pproponiet li tiġi emedata d-Deċiżjoni 2011/344/UE.

Deċiżjoni addizzjonali hija meħtieġa wara d-dħul fis-seħħ tat-“two Pack” (speċifikament, ir-Regolament (UE) Nru 472/2013) li tiddixxiplina wkoll kif il-kundizzjonalità politika li ssostni programm ta’ aġġustament ekonomiku għandha tiġi modifikata. Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013, sa mid-data tad-ħdul fis-seħħ tiegħi, japplika għall-programmi eżistenti ta’ aġġustament makroekonomiku li qeqħdin fis-seħħ u li, konsegwentement, jirrikjedu li jsiru l-aġġustamenti skont il-proċedura tal-Artikolu 7(5).

Proposta għal

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

Li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tiċiħi tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 japplika għal Stati Membri li, fil-waqt tad-dħul fis-seħħi tiegħu, digħi qed jirċievu assistenza finanzjarja, inkluż mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u/jew il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF).
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi regoli għall-approvazzjoni ta' programmi ta' aġġustament makroekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu din l-assistenza finanzjarja, li jeħtieġ li jkunu applikati flimkien mar-Regolament (UE) Nru 407/2010² li jistabbilixxi l-EFSM meta l-Istat Membru kkonċernat jirċievi l-assistenza kemm mill-EFSM kif ukoll minn sorsi oħra.
- (3) Il-Portugall ingħata assistenza finanzjarja kemm mill-EFSM, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2011/344/UE³, kif ukoll mill-EFSF.
- (4) Għal raġunijiet ta' konsistenza, l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Portugall, skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013, għandu jsir b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni 2011/344/UE.

¹ ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

² Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

- (5) F'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew, wettqet il-ħdax-il rieżami biex tivvaluta l-progress li sar mill-awtoritajiet Portugiżi fl-implementazzjoni tal-miżuri miftiehma skont il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, kif ukoll l-effikaċja u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom. Bħala konsegwenza ta' dan ir-rieżami, jeħtieġ li jsiru xi bidliet fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku eżistenti.
- (6) Dawk il-bidliet jinsabu fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2011/344/UE kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill 2014/[...]/UE tal-[...]

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri stipulati fl-Artikolu 3(8) u (9) tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2011/344/UE li għandhom jittieħdu mill-Portugall bħala parti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu, huma b'dan approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*